MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 66/2006

Maria Mifsud u b'digriet tat-2 ta' Frar 2010 l-atti tal-kawza ghaddew f'isem Nazzarena Mifsud, Philip Mifsud u Maryanne sive Annie Zammit f'isimha propju u bhala mandatarju ta' bintha msiefra Catherine Hunt
vs
Dragonara Casino Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Maria Mifsud li bih esponiet:

1. Illi r-rikorrenti ippartecipat b'diversi biljetti fil-lotterija *Anniversary Lottery* li ttellghet mis-socjeta` intimata fil-lejl tat-28 ta' Lulju 2005 fil-Casino tad-Dragonara Palace, San Giljan;

2. Illi l-premijiet f'din il-lotterija kienu l-ewwel premju (1st) Smart Car, it-tieni premju (2nd) Outdoor BBQ

Set u t-tielet premju (3rd) Outdoor Wooden Table and 4 Chairs (Dokument A);

3. Illi fuq kull biljett, il-partecipanti kellhom inizzlu isimhom u l-indirizz, kif ukoll id-data tat-twelid u n-numru tal-karta ta’ l-identita` taghhom;

4. Illi wahda mill-kundizzjonijiet tal-lotterija stipulati fil-biljett kienet li biex partecipant ikun intitolat ghall-premju, dan kellu jkun prezenti waqt it-tlugh biex jiehu l-premju (‘*Winner must be present to claim the prize*’);

5. Illi biljett tar-rikorrenti ittella’ bhala l-biljett rebbieh ta’ l-ewwel premju (*Smart Car*), u r-rikorrenti dak il-hin stess telghet taccettah minghand rapprezentanti tas-socjeta` intimata, fil-presenza ta’ ufficjal tal-lottu u rappresentant tad-ditta Kinds;

6. Illi, madanakollu, xi hin wara l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata infurmaw lir-rikorrenti li l-ewwel premju kienu ser jaghtuh lil persuna ohra;

7. Illi r-rikorrenti ipprotestat ma’ l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata dwar dan, pero` kien kollu ta’ xejn;

8. Illi minkejja li r-rikorrenti interpellat lis-socjeta` intimata, anke ufficjalment (Dokument D), sabiex din tikkonsenjalha l-karozza Smart mirbuha minnha fil-lotterija msemmija, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti:

1) Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti rebhet l-ewwel premju (*Smart Car*) fl-*Anniversary Lottery* li ttellghet mis-socjeta` intimata fil-lejl tat-28 ta’ Lulju 2005 fil-*Casino Dragonara*.

2) Konsegwentement, tordna li l-istess socjeta` intimata taghti u tikkonsenja lir-rikorrenti, fi zmien qasir li

ghandu jigi stabbilit minn din il-Qorti, karozza tat-tip *Smart Car* mirbuha minnha fl-istess lotterija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-4 ta' Awissu 2005 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Ottubru 2005 kontra s-socjeta` intimata, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' David Gray in rapprezentanza tas-socjeta` intimata li biha eccepixxa:

<u>Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet:</u>

1. Illi t-talba rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-lotterija *de quo* ntrebhet minn Antonia sive Nanette Carbone li isimha ttella' qabel dak tar-rikorrenti u li kienet *"present to claim the prize"* tant illi l-ewwel premju gie lilha assenjat personalment fis-serata tat-tlugh tal-lotterija *de quo*.

2. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti, ghal dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni tal-premji fil-lotterija *de quo*, idderigiet ruhha skond id-direzzjonijiet specifici moghtija mir-rapprezentant tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku li ai termini tal-premess li kien jirregola l-lotterija *de quo* (anness Dok 'A') issorvelja u ikkontrolla t-tlugh tal-lotterija *de quo* u t-tqassim tal-premji;

3. Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-lotterija *de quo* giet mtella' u l-ewwel premju inghata konfermement mal-permess li jirregola l-istess lotterija;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti pprezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Maria Mifsud fejn issemma li nhar il-Hamis 28 ta' Lulju 2005 kienet marret il-Casino Dragonara, San Giljan, biex tilghab. Id-Dragonara Casino kienu qeghdin jorganizzaw dik li sejhulha *Anniversary Lottery* bil-ghan li jippromwovu l-post taghhom u naturalment ihajru lil min jaghzel li jmur hemm flok postijiet ohra. L-ewwel premju tal-lotterija kienet karozza Smart. Ghall-habta ta' nofs il-lejl, kienu telghu l-ufficjali fuq il-palk li kien hemm armat apposta u habbru li kienet ser tittella' l-lotterija. Min kien qed jitkellem fil-*microphone* spjega li huma kienu ser itellghu l-lotterija u jekk min jitla' ma jirrispondix, kienu ser ifittxu fil-kompjuter biex jaraw jekk l-individwu jkunx qieghed hemm u fil-kaz jghaddu biex itellghu biljett iehor. Wara din l-introduzzjoni tellghu l-biljett u sejhu l-isem 'N. Carbone'. Sejhu l-isem tliet darbiet u ma wiegeb hadd. Ghalkemm stennew ma tfacca hadd. Ikkalkulat li b'kollox stennew aktar minn ghaxar minuti. Wara ftit, l-istess ufficjali li kienu fuq il-palk habbru li hadd ma kien ipprezenta ruhu fil-hin biex jigbor l-ewwel premju, u ghalhekk kienu ser jghaddu biex itellghu biljett iehor ghall-karozza Smart. Fil-fatt tellghu biljett iehor u din id-darba sejhu isimha. Dak il-hin bil-kemm riedet temmen u mill-ewwel ghajtet u marret tigri u n-nies warrbulha biex tghaddi. Telghet fuq il-palk u talbuha l-karta ta' l-identita`. Dak il-hin l-ufficjal li kien qed itella' l-lotterija ferhilha u qalilha prosit ghax rebhet il-karozza. In-nies bdew icapcpula. Tiftakar li dak il-hin kellimha wkoll is-*salesman* ta' Kinds, jidhrilha kien certu Ian Sant, li ferhilha u qalilha prosit talli kienet rebhet l-iSmart car. Huwa spjegalha li din il-karozza li kienet rebhet kellha makna Mercedes, qalilha li l-karozza kienet tixraqilha u staqsieha wkoll jekk tafx issuqha. Ghaddew kwazi ghaxar minuti ohra. Wara dan kollu hi nizlet minn fuq il-palk u baqghet titkellem mal-istess *salesman* ta' Kinds ma' genb il-palk. Ftit wara,

waqt li kienu qed jitkellmu, mar fuqha wiehed minn tal-Casino u qalilha li riedu jkellmuha. Marret u x'hin staqsiethom x'riedu qalulha li kienet marret il-persuna li sejhu qabilha. Hi dehrilha li din ma kenitx problema taghha. Hi kellha l-biljett rebbieh skond ma kienu qalulha huma stess, u ghalhekk il-karozza kienet rebhitha hi. Meta qalu fuq il-*microphone* li nbidel dak li kien sar u li l-ewwel premju ma kienx ser jinghata lilha n-nies bdew jibbuwjawlhom.

Xehed Raymond Scicluna li jahdem bhala *Control Officer* mal-*Lotteries and Gaming Authority*. Qal li sentejn u nofs ilu kien jahdem mad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku u kellu l-kariga ta' *Senior Clerk*. Qal li f'din il-lotterija partikolari li tirriferixxi ghaliha l-kawza hu kien prezenti u l-funzjoni tieghu f'dak il-kaz kienet li josserva li l-kundizzjonijiet kollha konnessi mal-permess jigu osservati u l-lotterija titla' bl-aktar mod gust u trasparenti. Is-Sur Zammit kien ghadu gej mill-ufficcju personali tieghu bil-*break down* lest tal-klijenti prezenti fil-Casino. Jigifieri dan qabel tella' l-lotterija mar go l-ufficju tieghu u hareg il-*print out* tan-nies kollha li gew registrati mill-ghaxra ta' filghodu sa nofs il-lejl neqsin minuta, hu raha. Innota li l-klijenti prezenti kienu jammontaw ghal elfejn u tlieta u disghin (2,093) ruh. L-ewwel biljett estratt kien ta' N. Carbone mill-Ibragg liema isem u numru gew mghajta ghal diversi drabi u ccekkja mal-lista tas-Sur Zammit kif ukoll mall-*Gaming Manager* Mr. Dick Thornton jigifieri dan x'hin ghajtuh l-ewwel ticcekkja fuq il-lista jekk hux hemm, imbaghad rega' mar fid-*database* propja. X'hin it-tnejn li huma ikkonfermaw li d-dettalji tar-rebbieh ma nstabux sew mal-lista kif ukoll mas-sistema' kompjuterizzata, ipprocedew ghat-tlugh, li jaghmlu tlugh iehor. Ghalhekk iddecidew li jergghu jipprocedu dwar l-ewwel premju. It-tieni biljett imtella' kien numru 8200 u juri li r-rebbieha kienet Maria Mifsud minn Birzebbuga. Din ta' l-ahhar kienet fil-vicinanzi taghhom u wara li ikkonfermaw l-partikolaritajiet personali fuq il-biljetti ikkorrispondew mal-karta ta' l-identita` ta' l-istess sinjura ssukktaw ghat-tlugh tal-lotterija. It-tielet biljett estratt kien bin-numru 7703 tas-Sur Vince Azzopardi li l-istess bhas-sinjura kien fil-vicinanzi. L-istess procedura tal-verifika giet implimentata. Dak il-hin ghalhekk kien rebah it-tieni

premju. F'dan l-istadjuipprezentat ruhha Miss N. Carbone u ipprovdiethom bl-istess karta ta' l-identita` li turi li kienet turi Miss Antonia *know as* Nanette Carbone. Minhabba li kien jaf minghand is-Sur Zammit li hadd ma seta' dahal wara nofs il-lejl u wara li kkunsidra l-hin li s-sinjura ipprezentat ruhha li ma kienx ta' aktar minn kwarta u li hu hass li l-ewwel tlugh kellu jkun validu. Id-decizjoni haduha t-tlieta unimament imma hu hekk hassx li kellha ssir ghax hu kien zgurat li l-bieb li f'nofs il-lejl ma hallhiex access li jidhlu aktar nies u li allura mela din kellha tkun li l-lista li hareg tal-klijenti kienet wahda valida. Qal li s-sistema kienet li meta tidhol fil-Casino l-bniedem jimla biljett u fuqu jnizzel ismu u din fil-fatt kienet imliet isimha bhala N. Carbone. Fil-lista giet irregistrata bhala Antonia Carbone ghax l-ID card taghha huwa Antonia k/a Nanette u hadd ma ndenja ruhu li jiktbu shih jew forsi s-sistema tal-computer ma ttihiex hekk. Qal li l-biljetti gew imtellghin fil-bar. Il-bar huwa zghir u zgur li l-elfejn ruh li kien hemm prezenti ma setghux kollha jidhlu fih. Jekk kienx qed jinstema' fl-istess hin mis-sala l-kbira dak li kien qed isir gewwa hu ma jafx. Sistema' ta' *sound* kellhom biex jinstema' barra imma jekk fil-fatt jekk kienx qieghed jinstema' jew le hu ma kienx f'pozizzjoni li jghid. Kienu qalbu l-ordni b'mod illi taw l-karozza lil N. Carbone, Maria Mifsud tawha l-bbq. Fir-*records* is-sinjura Nanette Carbone li kienet qeghda fuq l-istess lista kienet dahlet f'14:43. Jekk hargitx u wara regghet dahlet hu ma setax jghid. Mistoqsi mill-Qorti kemm ghadda hin bejn li ghajtu lil N. Carbone ghall-mument x'hin tfaccat ghaddew ghaxar minuti, kwarta kollox. Kien awtorizza li jerga' jitla' l-ewwel premju wara li kienu tkellmu t-tlieta f'daqqa. Kien rega' ttella' l-premju u kien tela' fuq Mrs. Mifsud hi kienet fil-vicinanzi u giet mill-ewwel bil-biljett. Meta ddecidew li jergghu jtellghu kienu taht l-impressjoni li Nanette Carbone ma kinitx prezenti.

Xehed <u>Pierre Zammit</u>, *Senior Marketing Manager* ma' Dragonara Casino Limited. Irrefera ghal-lotterija u ghall-permessi relattivi. Semma li ttella' l-ewwel biljett illi kien N.Carbone minn Ta' L-Ibragg, inghadd l-isem diversi drabi fuq il-*P.A. System*, huma ghandhom sistema fejn ikunu jafu l-klijenti fi x-hin dahlu ghalhekk li gara huwa ftit minuti

qabel it-tlugh tal-lotterija li kien f'nofs il-lejl kellhom il-*print out* ta' l-attendenza kollha, li kienet tqarreb mal-elfejn ruh dakinhar, kienet attendenza *record*. U meta itella' dan l-isem N. Carbone iccekkjaw fil-listi taghhom u dak il-hin ma deherx. Kif kienet miktuba kienet l-ittra N u Carbone, proprjament fil-lista ma' deherx biex ikunu certi kien hemm kollega iehor tieghu Steve Thorton li kien l-*gaming manager on duty* dakinhar u mar jiccekkja fil-*computer system* ukoll, li hija l-aktar wahda aggornata, wara xi tliet minuti tellghu biljett iehor. Is-sistema taghhom hija bhala Antonia u hin ghadda bejn meta ssemma l-ewwel darba l-isem ta' N. Carbone sa kemmipprezentat ruha kien ta' xi seba' minuti. Meta kellem lil Mrs. Carbone din qaltlu kien hemm rassa enormi jigifieri huma fil-Casino jidhlu madwar mas-sitt mitt ruh kuljum *on average*, dakinhar qabzu l-elfejn ruh jigifieri kienet attendenza *record*. Id-decizjoni fl-ahhar mill-ahhar ittiehdet mir-rapprezentat tal-*gaming authority* ghax hu li hareg il-permess u hu qieghed jissuprevizjona u jikkontrolla l-attivita` kollha. Huma qablu mad-decizjoni.

In kontro-ezami qal li jahseb li minn ta' l-inqas ghajtuh erba' darbiet l-isem ta' Carbone qal li hu baqa' jsostni li seba' minuti lahqu ghaddew u mhux tlettax-il minuta bhal ma qed jigi suggerit lilu. Qal li kien hemm rassa kbira bil-mod li n-nies ma setghux facilement jghaddu. Huma mxew biss fuq il-fatt li l-isem N. Carbone ma kienx fuq il-lista. Ikkonferma li fil-fatt l-attrici kienu qalulha li din hija rebhet karozza. Kienu annunzjawlha li hadet l-ewwel premju. Kienu ghamlu l-verifiki ma' l-*Identity Card*. Ikkonferma li kien hemm rapprezentant ta' Kinds prezenti u li fil-fatt laqqewha ma' ta' Kinds. Laqqewha mar-rapprezentant ta' Kinds minhabba l-fatt li l-karozza mixtrija minghandhom u ghall-pubblicita` neccessarja. Qal li fil-fatt meta precedentament semmew it-tielet premju proprjament kien it-tieni premju izda t-tielet *draw* fejn tela' l-isem ta' Azzopardi u s-Sur Azzopardi dak il-mument kien ghadu ma hax il-biljett f'idejh. Qal li dak il-hin li kien tfacca Azzopardi, f'daqqa wahda nqalghet il-problema. Huma in segwitu ghamlu l-verifiki wara kienu hadu d-decizjoni li bhala stat ta' fatt jaghtu l-premju lil Carbone, lis-Sinjura Mifsud huma spjegawlha li la l-ohra kienet prezenti fil-

Casino huma hassew li l-karozza kellhom jaghtuha lil N. Carbone. Kienu qalulha li ha jehdulha lura dak li tawha.

Xehed Stephen Thorton bl-Ingliz u li l-pozizzjoni tieghu hija ta' *Operations Manager* mad-Dragonara Casino. Ikkonferma li fil-lotterija l-ewwel tela' l-isem N. Carbone. Diversi ufficjali tal-kumpanija fittxew fuq il-lista biex jaraw din kenitx prezenti. L-ismijiet huma murija bil-kunjom u l-isem intier u huma fittxew ghal Carbone N. imma ma setghux isibu Carbone N., dejjem riferibbilment ghal-lista printjata, peress li l-lista kienet twila mhux hazin, ghax kien hemm xi elf ruh dakinhar gewwa l-Casino fuq dik il-lista, huma iddecidew li peress li l-lista giet printjata xi hmistax-il minuta qabel it-tlugh li hu jmur l-ufficcju tieghu u jiccekkja bis-sistema elettronika prezenti fl-ufficcju tieghu li huwa *linked* mas-sistema tar-*reception*, biex jaraw jekk din il-persuna dahlitx fil-Casino bejn il-hin li giet printjata l-lista u l-hin tal-tlugh. Hu kellu jitlaq minn fuq l-i*stage* gewwa l-*bar area*, ha t-triq ta' wara minn gewwa s-*service pantry* ghall-ufficcju tieghu, iccekkja fil-*personal computer* ta' l-ufficcju tieghu jekk kienx hemm xi N. Carbone prezenti, u ma kienx hemm. Imbaghad telaq mill-ufficcju tieghu u rega' lura lejn il-*bar area* u minn gewwa s-*service pantry* u indika lil Peter Borg Olivier, Ray Scicluna u Pierre Zammit li ma setax isib dan l-isem.

F'xhieda ohra tieghu spjega li meta persuna tmur il-Casino l-ewwel darba, wara s-sistema turi l-kunjom, l-isem intier, u d-data tat-twelid, is-sistema tar-*reception* juri l-hin ta' meta l-persuna tidhol, is-sistema per ezempju li kellu hu fl-ufficcju tieghu ma turix il-hin ta' l-entratura, turi biss id-data tat-twelid, u l-attivita` ta' dak inhar, li huwa dokument ta' pagna wahda ghall-attivitajiet ta' dakinhar biss. Mistoqsi jekk jirregistrax il-hin meta persuna tohrog mill-Casino irrisponda li biex tohrog mill-Casino ma hemm l-ebda registrazzjoni fuq is-sistema, allura ma hemmx prova jekk il-persuna ghadhiex gewwa jew le.

Xehdet Antonia Carbone fejn qalet li hi jisimha Antonia Carbone, pero` maghrufa bhala Nanette. Fuq l-*identity card* taghha tal-Gvern imnizzla bhala Antonia *sive* Nanette. Qalet li xi nofs il-lejl jew wara nofs il-lejl kienet

qieghedha fil-*main gaming room*.  Il-lotterija kienet qed issir fil-*bar*.  X'hin il-*bar* kien imballat bin-nies kienet qieghedha barra.  Bdiet tisma' lin-nies jghidu li ntrebhet minn Carbone mil-Ibragg u hasbet li kienet hi.  Qalet li bdiet tipprova tghaddi gewwa izda tant kienet imballata bin-nies li fil-fatt ma hallewhiex tghaddi.  Tiftakar li kellha argument mar-ragel ghax kienet qaltlu li tahseb li ghajtulha u qalilha li kulhadd hekk jghid li lilu qed jghajtu. Hi qasira u aktar bdiet tipprova tghajjat u tgholli idejja pero` milli jidher ma bdietx tidher.  Telghet fuq il-*podium* u qalulha li rebhet il-karozza.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Fatti fil-qosor:</u>***

Din il-kawza tirrigwarda tlugh ta' *Anniversary Lottery* li ttellghet mis-socjeta' konvenuta fil-lejl tat-28 ta' Lulju 2005 fil-Casino tad-Dragonara, Dragonara Palace, San Giljan fejn l-ewwel premju kien karozza tal-marka Smart.  Fuq il-biljetti li tqassmu b'xejn lil min jidhol fil-Casino, il-partecipanti kellhom inizzlu isimhom u l-indirizz, kif ukoll id-data tat-twelid u n-numru tal-karta ta' l-identita` taghhom. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-lotterija, miktuba cara fuq il-biljett, kienet li biex ikun intitolat ghall-premju, partecipant kellu jkun prezenti waqt it-tlugh biex jikklejmjah, jew jitolbu. (*'Winner must be present to claim the prize'*).  Tela' l-biljett b'isem N. Carbone u saru verifiki jekk din kenitx prezenti, izda dan l-isem ma irrizultax fil-lista u hadd ma tela' jikklejmjah ghal diversi minuti. Ghalhekk ittiehdet decizjoni mir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku u *Marketing Managers* tas-socjeta` intimata li jittella' numru iehor, kif fil-fatt sar, u ttella' bhala l-biljett rebbieh ta' l-ewwel premju (*Smart Car*) lir-rikorrenti li telghet taccettah minghand rapprezentanti tas-socjeta` intimata.  Kellmet lir-rapprezentant tad-ditta Kinds izda ftit wara ipprezentat ruhha N. Carbone u d-decizjoni giet mibdula li l-premju jinghata lil Carbone.

***<u>D2. Osservazzjonijiet generali:</u>***

Huwa ferm importanti li wiehed iqis l-isfond tal-problema minn fejn jirrizulta li wara li ttella' l-ewwel premju lil N. Carbone ghaddew diversi minuti fejn N. Carbone ma

ipprezentatx ruhha. Id-decizjoni kienet ittiehdet li N. Carbone mhix prezenti u ma talbitx il-premju u li ghalhekk kellu jittella' l-ewwel premju ghat-tieni darba. Din id-decizjoni kienet wahda li minghajr dubju ta' xejn ittiehdet tant li ttella' isem iehor – dak tar-rikorrenti – li marret fuq il-palk u kienet qed titkellem mad-diversi ufficjali. Jinghad ukoll li ttella premju iehor, u cioe` dak ta' Azzopardi, meta tfaccat N. Carbone. Issemmiet ukoll it-tahwida ta' l-ismijiet, cioe` ta' Antonia u Nanette Carbone, li sfortunatament hija problema ta' hawn Malta fejn hafna nies isimhom ufficjali huwa wiehed izda komunement maghrufin b'isem iehor. Izda tibqa' dejjem ir-responsabbilta` tal-persuna *de quo* li hi tivverifika l-applikazzjoni li jitnissel l-isem propju. Dan ifisser li kien jinkombi fuq Antonia *sive* Nanette Carbone li tnizzel l-isem Antonia meta dahlet fil-Casino. Jekk kenitx prezenti jew le fil-Casino hija domanda li tista' tirrispondiha biss l-imsemmija N. Carbone ghax mir-*records* tas-socjeta` intimata jirrizulta li persuna tkun dahlet izda ma jirrizultax jekk tkun harget u regghet dahlet. Certament jinkombi wkoll fuq persuna li tkun rebhet il-premju li immedjatament u minghajr dewmien tipprezenta ruhha u titlob il-premju fic-cirkostanzi li kienu f'dan il-kaz. Dan kollu jirrizulta wkoll mill-fatt li kienhemm l-ufficjali li qalu lir-rikorrenti li ser jehdulha lura dak li kienu tawha.

Relevanti huwa wkoll il-fatt li l-lotterija pubblika organizzata mill-Casino tad-Dragonara, kienet wahda awtorizzata taht l-Ordinanza Dwar il-Lottu Pubbliku. Kien hemm dawn il-kundizzjonijiet mahruga mid-Dipartiment u cioe`:

(a) jaghti biljett b'xejn lil kull klijent matul il-perjodu mill-1 ta' Mejju 2005 sat-28 ta' Lulju 2005;

(b) jaghti karozza Smart tal-valur ta' LM5,950 (ekwivalenti ghal €13,860) bhala l-ewwel premju …;

(c) li r-rebbieha jkunu prezenti waqt it-tlugh biex jitolbu l-premju.

Fuq il-biljetti li tqassmu kien hemm il-kliem "*winners must be present to claim prize*".

Dan kollu jaghmilha cara li kien hemm il-kundizzjoni li r-rebbieh ikun prezenti, kif ukoll li ghandu jitlob il-premju. Ma hemmx specifikat f'kemm hin, izda huwa logiku li

ghandu jigi mitlub dak il-hin. Kellhom jimtlew id-dettalji fuq il-biljett, izda d-dettalji kellhom jimtlew kif suppost. Saru diversi verifiki wara li tela' l-biljett N. Carbone u ghaddew diversi minuti. Il-fatt li Nanette Carbone xehdet li minhabba r-rassa ta' nies ma setghetx tghaddi, specjalment in vista tal-fatt li hija ta' persuna zghira m'hi xejn kredibbli ghax ghaddew kwantita` ta' minuti, u hija ferm difficli li wiehed jasal li jaccetta li din ippruvat tghaddi ghal dawk il-minuti shah u hadd ma nduna biha. Ukoll ittiehdet id-decizjoni li jrid jitla' biljett iehor u dan gie mhabbar, tela' biljett iehor u r-rikorrenti giet dikjarata rebbieha ta' l-ewwel premju mill-ufficjali tal-Casino li ferhulha, inkluz ir-rapprezentant ta' Kinds. F'dan l-istadju wiehed jista' jqis ir-rebh bhala konkluz. Izda r-rapprezentanti tas-socjeta` intimata iddecidew li jbiddlu r-rizultat. Is-socjeta` intimata ssostni li t-tibdil tad-decizjoni sar skond direzzjonijiet specifici moghtija mir-rapprezentant tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku, izda jinghad li xoghol dan ir-rapprezentant li <u>jissorvelja</u> u mhux li <u>jmexxi</u> t-tlugh tal-lotterija.

***<u>D3. Artikolu 1713 tal-Kap 16:</u>***

Is-socjeta` intimata ghamlet referenza ghall-Kap 16 art 1713 li jiddisponi:

"Il-ligi ma taghti ebda azzjoni ghal dejn ta' loghob, jew ghall-hlas ta' mhatra."

Issostni li l-kaz *de quo* mhux wiehed li jaqa' mal-eccezzjonijiet ghall-Artikolu 1713 elenkati fl-Artikolu 1714 ta' l-istess Kodici, b'hekk l-Artikolu 1713(1) huwa applikabbli ghall-kaz *de quo*. U l-artikolu 1715 jiddisponi li:

"Kull ftehim maghmul biex jinharbu d-disposizzjonijiet ta' l-ahhar zewg artikoli qabel dan, huwa null."

Tirreferi ghall-fatt li dawn id-disposizzjonijiet huma lkoll kjarament ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu derogati, tant illi l-Qorti hija tenuta li twettaqhom *ex officio*. Issostni wkoll li l-fatt li l-lotterija in kwistjoni kienet awtorizzata b'permess mahrug taht l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku ma jbiddel xejn minn dan. Tirreferi ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Avukat Dottor**

**Joseph Cassar *noe* vs Joseph Grech Marguerat** (Koll. Vol LI.i. 416 dec 23/6/1967) l-awtorizzazzjoni governattiva li tippermetti loghob ta' l-azzard *di per se* ma tidderogax ghall-Artikoli 1703 *et seq* tal-Kodici Civili u sakemm ma jkunx hemm deroga espressa fil-ligi, il-kreditu naxxenti mil-loghob, anki jekk licenzjat, huwa xorta wahda sprovvist minn azzjoni.

"… fil-fehma tal-Qorti jemergi li waqt li d-debitur ta' debitu ta' loghob (loghob awtorizzat bl-imsemmija Ordinanza XVI/62) hu prekluz milli jagixxi ghar-ripetizzjoni ta' dak li jkun ga hallas volontarjament, salv talvolta il-kaz ta' dolo u frodi fl-istess loghob, il-kreditu ghal-loghob jew ghal self ghal-loghob ghadu xorta sprovvist b'azzjoni, salv naturalment li d-debitu jekk ma jorbotx fid-dritt jitqies mill-interessat li jorbot fl-unur."

Ziedet li hija gurisprudenza pacifika li dejn naxxenti minn loghob jew imhatra jaghti biss lok ghal obbligazzjoni naturali. Kif sostniet l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili f'**Salvatore Grech vs Carmelo sive Charles Bennetti** (Koll. Vol. XLV.ii. 553 dec. 27/1/1961):
"Fil-gurisprudenza taghna giet ammessa l-obligazzjoni naturali ghar-rigward ta' l-imhatra (Koll. XIII.9) u ghalhekk ma jidhirx li jista' jkun hemm xi raguni biex ma tkunx ammessa anki f'kaz ta' loghob projbit mil-ligi. Ma hemmx, imbaghad, dubju li l-legislatur taghna jirrikonoxxi l-figura tal-obligazzjoni naturali (art. 1064 Kod. Civ.), u sahansitra jirregola l-effetti taghha fl-art. 1190 tal-istess Kodici, billi jiddisponi illi "ma hemmx jedd ta' azzjoni ghall-hlas lura, jekk dak li thallas kellu jinghata bis-sahha ta' obligazzjoni naturali." Ghalhekk, il-karatteristici ta' din ix-xorta ta' obligazzjoni huma l-karenza ta' l-azzjoni ("*non parti actionem*") u l-eccezzjoni tas-"*soluti retentio" ("sed exceptionem*")."

Fuq bazi ta' dan, l-intimata tikkontendi li:
"L-Ordinanza izda ma kienet tikkontjeni ebda deroga ghall-Artikoli 1713 *et seq* tal-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitqies li kreditu ta' loghob naxxenti minn lotterija licenzjata taht l-istess Ordinanza jibqa' sprovvist minn azzjoni."

Hawnhekk ta' min jirrileva li fl-2001 permezz ta' Att XXIV gie mghoddi Att mill-Parlament dwar il-Lotteriji u Loghob Iehor, illum Kap 438 li fl-artikolu 49(3) tieghu jghid hekk:
*"(3) The provisions of article 1713 of the Civil Code shall not prejudice –*

*(a) the right of a licensee, operator, permit holder or person referred to in subarticle (1), to recover a debt arising from the acceptance of payment of a stake by any of the means of payment referred to in subarticle (1)(a) in accordance with the provisions of the said subarticle (1)(a); or*

*(b) the right of a winner of a monetary prize under an authorised game or, as the case may be, under a game operated in terms of a permit granted under regulations made under article 78(3), to recover any debt arising from acceptance of payment of such prize by any of the means of payment referred to in subarticle (1)(b)."*

Dan jaghmilha cara kemm il-Legislatur ried li f'kazijiet organizzati kif suppost ried jaghti d-dritt ta' l-azzjoni, specjalment meta dawn ikunu konformi mal-Kap 438.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni li l-ewwel premju ntrenah minn Antonia *sive* Nanette Carbone u dan kif jinghad taht "D" hawn fuq minhabba li wara li ttella' isimha u hi ma ipprezentatx ruhha (jekk stess kienet prezenti) gie deciz li jittella' numru iehor u ghalhekk giet li r-rikorrenti rebhet il-premju, u infatti giet dikjarata rebbieha u anke l-organizzaturi ghaddew biex itellghu t-tieni premju.

Tichad ukoll it-tieni eccezzjoni li billi s-socjeta` intimata idderigiet ruhha skond id-direzzjonijiet specifici moghtija mir-rapprezentant tad-Direttur tal-Lottu Pubbliku billi dan kellu jissorvelja u mhux jidderigi t-tlugh tal-lotterija. Hu ma kellu ebda dritt jasal ghal decizjonijiet bhal ma wasal ghalihom u ghalhekk is-socjeta` intimata tibqa' responsabbli ghall-agir taghha.

Fit-tielet lok, l-intimata eccepiet li l-lotterija *de quo* giet imtella u l-ewwel premju nghata konformement mal-permess u din qed tigi michuda ghall-istess motivi dwar kif issemma dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ukoll ghalkemm ma nghatatx bhala eccezzjoni formali, il-Qorti dwar dak li jipprezkrivi l-artikolu 1713 tal-Kap 16 tirreferixxi ghal dak li ntqal hawn fuq taht “D3” u ghalhekk tichad dak li sostniet is-socjeta` intimata.

Tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li r-rikorrenti rebhet l-ewwel premju (*Smart Car*) fl-*Anniversary Lottery* li ttellghet mis-socjeta` intimata fil-lejl tat-28 ta’ Lulju 2005 fil-*Casino Dragonara*.

Tordna li l-istess socjeta` intimata taghti u tikkonsenja lir-rikorrenti (kif rapprezentata), fi zmien xaharejn, karozza tat-tip *Smart Car* mirbuha minnha fl-istess lotterija.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------